# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Preliminari Nru 2227**

**Kaz Nru. 2682/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christopher Cachia**

**u**

**Melita p.l.c.**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrent Christopher Cachia, li giet prezentata fir-Registru tal-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2009. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru r-Rikorrent li kien assistit mill-Avukat Adrain Delia u ghas-Socjeta ntimata dehru Dr. Theresianne Bezzina u Ms Jacqueline Aquilina li kienu assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.**

**Fl-istqarrija tal-Kaz ir-Rikorrent jghid, li beda jahdem mas-Socjeta ntimata fit-2 ta' Jannar, 2008 ai termini ta' kuntratt ta' impieg ghal zmien indefenit u nghata l-kariga li jiehu hsieb is-sales fi hdan id-Dipartiment tas-Sales u Marketing tas-socjeta ntimata.**

**Huwa jkompli jghid fl-istqarrija tal-Kaz tieghu, li f'dak iz-zmien dan id-Dipartiment kien jiehu hsieb il-bejgh tal-prodotti ta' Melita Cable p.l.c. li kienu, Cable TV, Digital Television, u Internet, u l-iskop tal-kariga tieghu kienet li jgib dan id-Dipartiment fuq saqajh u li dan id-Dipartiment jinghata direzzjoni u hajja gdida. Huwa jghid ukoll, li ma dan ix-xoghol kien qed jahdem fuq prodott gdid li kellu jigi ntrodott fis-suq u liema prodott kien jissejjah Melita Mobile Telephony.**

**Fl-istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li matul l-2008 stinka u hadem b'hiltu kollha biex igib dan id-Dipartiment fuq saqajh. Huwa jghid ukoll, li fost affarijiet ohra hu kien responsabbli biex jorganizza l-impjegati u jimottivhom kif ukoll jimpjega haddiema godda. Ma dan, kien ukoll responsabbli ghall-implimentazzjoni ta' sales strategies, inkluz il-kreazzjoni ta' qasam ta' Dipartiment gdid li kien ser jiehu hsieb il-bejgh tal-prodott il-gdid.**

**Fl-istqarrija tieghu r-Rikorrent jghid ukoll li f'Gunju 2008, ix-xoghol tieghu tant kien qed jigi aprezzat li nghata beneficcji godda fosthom, vettura moderna biex ikun jista' jahdem biha, kif ukoll inghata kariga iktar gholja milli kellu fejn gie promoss ghall-Head of Sales tal-Kumpanija. Huwa jghid ukoll, li gie mwieghed mis-socjeta ntimata aktar zidiet u beneficcji meta jidhol fis-suq il-mobile telephony.**

**Ir-Rikorrent jghid ukoll fl'istqarrija tieghu, li matul iz-zmien li hadem mas-socjeta ntimata hadd qatt ma tah l-impressjoni li ma kienx qieghed jaghmel xogholu sewwa. Huwa jghid ukoll, li kien izomm laqghat regolari ma Stephen Wright li kien jokkupa l-kariga COO sabiex jaghtih aggornament tal-progress li kien qed isir. Ir-rikorrent jghid ukoll, li qatt f'dawn il-laqghat jew f'okkazzjonijiet ohra ma nghata xi twissija la b'mod formali bil-miktub u lanqas verbalment fis-sens li xogholu ma kienx qed jigi ezegwit b'mod tajjeb, anzi hu jiddikjara li hass ix-xoghol tieghu dejjem kien qed jigi apprezzat.**

**Fl-istqarrija tieghu ir-Rikorrent ikompli jghid, li wara xoghol intensiv ta' xhur fuq il-launch tal-prodott il-gdid, il-management team inkluz hu, siefru kollha l-Isvizzera fuq workshop u ezercizzju ta' team building. Huwa jghid ukoll, li meta rritorna Malta kien majiflahx sew u peress li kellu deni gholi cempel l-ufficcju biex javza li ma setghax jidhol ghax-xoghol. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li nhar it-13 ta' Jannar 2009, gie kkuntattjat mill-management fejn gie nfurmat li Stephen Wright kien staqsa ghalih. Huwa jghid ukoll, li kien informa lill Stephen Wright li kien marid u ma kienx f'pozizzjoni li jmur ghax-xoghol. Ir-Rikorrent jghid ukoll, li meta tkellem mas-sur Wright hass li ma kienx bhas-soltu u ghaldaqstant iddecieda**

**li minkejja li kien marid imur l'ufficcju biex ikellmu. Ghalhekk, peress li ma setghax isuq ghamel arrangamenti biex iwassluh sa l-ufficcju.**

**Ir-rikorrent jghid ukoll, li meta mar l-ufficcju ltaqgha mas-sur Wright fejn nformah li kien ser jitterminalu l-impieg b'effett immedjat. Huwa jghid ukoll, li talab lis-Sur Wright biex jghatih raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impieg, izda mhux talli ma giex moghti raguni, imma gie mgieghel b'mod illegali u abbuziv u bi pressjoni psikologika li saritlu mill-istess Stephen Wright, kellu jiffirma ittra ta' rizenja li kienet giet ippreparata minn qabel mis-socjeta ntimata. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li ntalab mis-Sur Wright sabiex jitlaq immedjatament u lanqas ma nghata l-hin jirritorna lejn l-iskrivanija tieghu. Huwa jghid ukoll, li gie skortat il-barra mill-ufficcju u minghajr ebda opportunita li jigbor l-affarijiet personali tieghu. Huwa jghid ukoll, li minghajr ebda pre-avviz u b'mod ghal kollox illegali u abbuziv, is-socjeta tterminatlu l-assikurazzjoni tas-sahha tieghu u tal-persuni dipendenti minnu, liema assikurazzjoni kien ihallas ghalija hu stess.**

**Fl-istqarrija tieghu r-rikorrent jghid ukoll, li wara t-tkeccija tieghu beda perjodu trawmatiku hafna ghalih u dan ghaliex hu qatt ma fehem ir-raguni ghalfejn tkecca mis-socjeta. Huwa jghid ukoll, li kellu anke jirrikorri ghal ghajnuna ta' specjalista psikjatriku, specjalment fil-perjodu li kien qed jigi launched il-prodott, li tant kien hadem fuqu. Huwa jghid ukoll, li kien beda jsofri minn depressjoni, kif ukoll beda jiffaccja diffikultajiet finanzjarji.**

**Ir-rikorrent jghalaq l-istqarrija tal-Kaz tieghu billi jghid, li din it-tkeccija ma kienitx ghal raguni tajba u sufficjenti ai termini ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li dan m'huwiex kaz ta' tkeccija stante illi l-appellant irrezenja volontarjament, tant illi kien ha l-hin tieghu biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu, u wara xi sieghat meta sahansitra kien illarga mill-post tax-xoghol, gie lura u halla l-ittra ta' rizenja mar-receptionist, liema**

**cirkostanzi juru li ma kienx hemm pressjoni mhux xierqa kif qed jittanta jghid l-appellant.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, illi jekk ghall-grazzja tal-argument ic-cirkostanzi jigu meqjusin bhala tkeccija, kien hemm ragunijiet sufficjenti biex jagixxu kif agixxew.**

**Is-Socjeta ttemm l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn tghid, li fi kwalunkwe kaz il-lanzjanza tal-appellant dwar l-assikurazzjoni m'hijiex wahda illi taqa fil-kompitu ta' dan it-Tribunal**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrent kien gie mpjegat mas-Socjeta ntimata fit-2 ta' Jannar 2008, biex jiehu hsieb id-Dipartiment tas-Sales and Marketing u f'Gunju ta' 2008, gie moghti l-kariga ta' Head of Sales tal-Kumpanija.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li r-rikorrent kien haddiem li jistinka u mexxa l-quddiem il-prodotti tas-socjeta, tant li l-isforzi tieghu gew apprezzati mis-socjeta li mhux biss kien gie promoss, izda anke gie moghti diversi beneficcji.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li hu kellu relazzjoni tajba mas-superjuri tieghu, kemm fuq il-post tax-xoghol u anke lill l'hemm mill-post tax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kaz inkwestjoni sehh f'Jannar 2009, li wara xoghol intensiv ta' xhur fuq launch ta' prodott gdid, membri tal-management inkluz ir-rikorrent gew mibghuta l-Isvizzera fuq workshop u ezercizzju ta' team building, u mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li wara li waslu lura Malta, ir-rikorrent peress li kien marid ma rrapurtax ghax-xoghol.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li waqt li kien indispost ir-rikorrent gie kkuntattjat mill-management, fejn infurmawh li s-Sur Stephen Wright li kien jokkupa l-kariga ta' COO tas-socjeta kien staqsa ghalih. Mill-provi jirrizulta, li wara konversazzjoni li kellu mas-superjur tieghu hass li kien hemm xi haga mhux tajba u ghalhekk iddecieda li jmur l-ufficcju biex jiltaqgha mas-superjur tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali r-rikorrent jixhed, li meta ltaqgha mas-sur Wright huwa gie ffaccjat b'sitwazzjoni, li jew jigi mkecci jew jirrizenja. Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid, li minkejja li staqsa ghall liema raguni kien qed jigi mkecci, din ir-raguni qatt ma giet moghtija lilhu. Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid ukoll, li hu gie sfurzat li jirrezenja wara li saret pressjoni psikologiku fuqhu mis-Sur Stephen Wright.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali nstemghat xhieda konflingenti bejn ir-rikorrent u Ms Jacqueline Abela, li kienet tokkupa l-kariga ta' Human Resources Manager u giet involuta fl'ahhar tal-konversazzjoni bejn ir-rikorrent u s-Sur Wright, dwar kif giet sottomessa l-ittra ta' rizenja tar-rikorrent. Minn naha tar-rikorrent jghid, li saret pressjoni fuqhu biex jirrezenja u gie pprezentant b'ittra ta' rizenja fejn waqa ghal pressjoni li kienet saritlu mis-Sur Wright u ffirma dak il-hin l-ittra ta' rizenja, liema ittra kienet giet ipprezentata mis-Sur Wright innifsu (Seduta datata 19 ta' Novembru, 2009 pagna 18-19). B'kuntrast ma dan, Ms Jacqueline Abela fix-xhieda taghha datata 19 ta' Novembru 2009, pagna 24-25 tghid " jiena gejt imsejjha mis-COO fil-kamra, s-COO qalli li Chris Cachia jixtieq jirrezenja u x'inhi l-procedura tal-Kumpanija f'dak il-Kaz. Ghidtlu li ma jistax jaghmilha by word of mouth, imma rizenja ghandha tkun bil-miktub. Chris Cachia qalli, li m'ghandux wahda u jmur id-dar jaghmilha. F'dak il-hin ghidtlu wkoll li jrid jirritorna l-affarijiet tal-Kumpanija u fil-posizzjoni li kien ma jistax jiehu affarijiet tal-kumpanija mieghu. Mar id-dar, iktar tard matul il-gurnata, jew ma nafx fejn mar ovvjament, imma iktar tard matul il-gurnata ir-receptionist cemplitli li Chris Cachia halla envelope,**

**ovvjament kien hemm kif qal hu l-phone, c-cwievet tal-karozza u l-ittra tar-rizenja".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol u l-ewwel Kunsiderazzjoni li jiehu hija li din il-Kwistjoni tax-Xoghol hija ta' natura "Constructive dismissal" fejn it-terminazzjoni ta' Kuntratt ta' Servizz bejn minn ihaddem u min jahdem isseh, peress li l-impjegat jirrezenja mill-impieg minhabba cirkostanzi mhux ragonevoli li gew ikkawzati lilhu mill-imghallmin tieghu.**

**Mill-provi li gew mressqa quddiem it-Tribunal Industrijali f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol jirrizulta, li qabel sehh il-Kaz inkwestjoni, ir-relazzjoni tax-xoghol bejn is-Socjeta u r-rikorrent kienet wahda tajba, kif ukoll bejn ir-rikorrenti u s-Sur Stephen Wright li kien is-superjur tieghu, kien hemm relazzjoni mhux biss ta' kollega fuq il-post tax-xoghol, imma kien hemm hbiberija bejniethom li kienet tmur li l'hemm mill-post tax-xoghol.**

**Kif jirrizulta mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, l-unika sitwazzjoni li giet migjuba quddiemu kienet, fejn ir-rikorrent wara li kien ghadu kemm jtemm ezercizzju ta' tahrig fl'Isvizzra u wara rraporta ma jiflahx, gie mitlub biex imur l-ufficcju tas-COO, u giet impoggija sitwazzjoni li ghalija ma gietx svelata ir-raguni, li jew ir-rikorrent jitkecca jew jirrezenja. It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra, li hemm xhieda konflingenti ghal modd kif ir-rikorrent is-sottometta ir-rezenja tieghu, fis-sens jekk l-ittra ta' rizenja saritx taht pressjoni psikologika kif qed jallega r-rikorrenti.**

**F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jirrimarka li mhux facli jasal ghal konluzzjoni, jekk ir-rizenja kienitx sfurzata u saret taht pressjoni psikologika. Dan ghar-raguni, li x-xhud l-iehor ewlieni f'din il-Kwistjoni tax-Xoghol, jigifieri s-Sur Stephen Wright li kien jokkupa l-kariga ta' COO, u li r-rikorrenti qed jallega li kien hu li ghamillu pressjoni psikologika biex jirrezenja mill-impieg, ma giex**

**prodott bhala xhud quddiem it-Tribunal Industrijali. Ir-raguni li giet moghtija lill dan it-Tribunal Industrijali kienet, li s-Sur Stephen Wright m'ghadux jahdem mal-Kumpanija u lanqas ghadu jghex f'Malta.**

**It-Tribunal Industrijali f' dawn il-kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll l-istqarrija tal-Kaz tas-Socjeta ntimata. Fl'istqarrija tal-Kaz is-Socjeta tghid "illi jekk ghall-grazzja tal-argument ic-cirkostanzi jigu meqjusin bhala tkeccija, kien hemm ragunijiet sufficjenti biex jagixxu kif agixxew".**

**Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati jasal ghal konkluzjoni, li peress li x-xhieda hija konflingenti u skarsa, mhux facli li f'dan l-istadju jasal ghal Decizjoni, Ghaldaqstant, peress li kienet l-istess Socjeta, li fl'istqarrija tal-kaz taghha ddikjarat, li kien hemm ragunijiet sufficjenti biex jagixxu kif agixxew, dan it-Tribunal Industrijali qed jordna lis-Socjeta, li fis-seduta li jmiss ta' dan il-kaz, tressaq il-provi li qed tghamel riferenza ghalihom. Permezz ta' dan, it-Tribunal Industrijali jkun jista jezamina u jevalwa ir-ragunijiet li qed tghamel riferenza ghalihom is-Socjeta u b'hekk dan it-Tribunal Industrijali jista jkun f'qaghda ahjar li jasal ghal Decizjoni gusta.**

____________________________

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data 23 ta' Mejju 2013**